MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 15/2002/1

**Victor u Pauline, konjugi Lanzon bhala legittimi rappresentanti ta' binhom minuri Matthew Lanzon u b'nota tat-13 ta' Ottubru, 2003 Matthew Lanzon assuma l-atti peress li ghandu tmintax-il sena**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell tar-rikorrent Matthew Falzon minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fis-17 ta' Gunju, 2004. Permezz ta' dik is-sentenza dik il-Qorti ddecidiet hekk:

**Ghaldaqstant din il-Qorti in vista tal-premess tiddikjara illi ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif elenkati fir-rikors promotur taghhom u cioe` dawk naxxenti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja waqt l-interrogatorju tar-rikorrent Matthew Lanzon; tastjeni milli tippronunzja ruhha dwar l-*ammissibilita` o meno* ta' l-istqarrija rilaxxjata mill-istess rikorrenti Matthew Lanzon sabiex din il-kwistjoni tigi hekk deciza mill-Qorti kompetenti jekk ikun il-kaz; u tichad it-talba tar-rikorrenti ghal ghotja ta' kumpens xieraq. Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.**

Dan il-kaz beda permezz ta' rikors presentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili (fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha) fis-27 ta' Gunju, 2002, u jirrigwarda incident li jirrisali ghall-24 ta' Novembru, 2000. F'dik il-gurnata Matthew Lanzon, li allura kellu sittax-il sena u li kien student fil-Junior College, gie arrestat mill-Pulizija, saret perkwisizzjoni fuqu, u l-istess Falzon minn rajh indika lill-Pulizija li fil-basket kellu tlett bicciet *cannabis*. Ittiehed id-Depot tal-Pulizija fejn kompla jigi interrogat ghal xi siegha, u huwa stqarr ma' l-investigaturi li kien biegh bicctejn minn dik l-istess *cannabis* lil terzi. Falzon irrilaxxja u ffirma wkoll stqarrija bil-miktub[1]. B'att ta' citazzjoni datat 5 ta' Frar, 2001 l-imsemmi Matthew Falzon tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-11 ta' Frar, 2001 akkuzat b'pussess tar-raza tal-*cannabis*, traffikar ta' l-istess raza, u li wettaq dawn iz-zewg reati f'post jew f'centru fejn jiltaqghu iz-

[1] Ara kopja a fol. 54 tal-atti. L-istqarrija, ta' anqas minn faccata, ghandha l-hin tal-bidu registrat bhala "13.00" u l-hin ta' l-gheluq "14.00". Id-data hija "24 ta' Novembru, 2000", cioe` l-istess data li fiha jirrizulta li l-appellant gie arrestat.

zghazagh jew entro d-distanza ta’ mitt metru mill-perimetru ta’ tali post jew centru. Irrizulta fil-kors tat-trattazzjoni ta’ dana l-appell li l-kawza penali tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati tistenna l-ezitu ta’ din il-kawza kostituzzjonali.

Minhabba l-mod kif l-imsemmi Falzon gie interrogat mill-Pulizija u b’mod partikolari peress li *“…l-Ispettur kompla jinterrogah, minghajr il-presenza ta’ l-ebda wiehed mill-genituri tieghu jew tal-Principal tal-Junior College jew almenu ta’ xi ‘probation officer’…”* ir-rikorrenti (in segwitu r-rikorrent Matthew Lanzon wara li ghalaq it-tmintax il-sena) allegaw ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-parti relevanti tar-rikors promotorju tghid hekk:

**Illi fil-kaz <u>Averill v. United Kingdom</u> deciz fis-6 ta’ Gunju 2000, il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem iddikjarat illi l-assistenza legali ghandha tigi garantita lil kull persuna qabel ma din tigi interrogata mill-Pulizija u rriteniet illi kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea minhabba nuqqas ta’ access ghall-assistenza legali.**

**Illi l-istess principju legali gie ribadit fil-kaz <u>Magee v United Kingdom</u> deciz mill-Qorti Ewropea wkoll fis-6 ta’ Gunju 2000.**

**Illi sentejn wara dawn iz-zewg decizjonijiet importanti tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, is-sitwazzjoni legali f’Malta baqghet l-istess, jigifieri, illi persuna li tigi interrogata mill-Pulizija m’ghandhiex dritt ghall-assistenza legali. Fit-Turkija, persuna arrestata ghandha dritt ghall-assistenza ta’ avukat.**

**Illi barra minn hekk l-esponent ma giex itrattat b’mod xieraq u gust ghall-eta` tieghu. Huwa gie assoggettat ghal procedura intimidatorja, li sahansitra l-adulti jsibuha intimidatorja. Kieku l-kaz gara tlett xhur aktar kmieni, l-esponent l-anqas kien jitressaq quddiem din il-Qorti [il-Qorti tal-Magistrati] izda quddiem il-Qorti tal-Minorenni.**

**Illi diga ma kienitx haga korretta li l-esponenti jigi interrogat dwar ir-reat ta' pussess ta' *cannabis* fl-assenza ta' xi wiehed mill-genituri tieghu. Izda meta mbaghad l-Ispettur Josric Mifsud kien ser jghaddi biex jinterrogah dwar ir-reat ta' traffikar, li jimporta piena obbligatorja ta' prigunerija, xejn ma kien jiggustifikah talli naqas li jsejjah lil xi hadd mill-genituri tieghu biex ikun prezenti in vista tal-fatt li kien ghad kellu biss sittax-il sena u tlett xhur.**

**Illi, inoltre, f'dan l-ambjent intimidatorju u ta' izolament u fid-dawl tad-diskors li ntqal lilu li jkun jaqbel jekk jikkollabora, l-esponent – in vista ta' l-eta` tieghu – ma kellux l-ghazla effettiva u hielsa li jibqa` sieket, liema dritt huwa moghti lil kull persuna li tkun qed tigi investigata dwar il-kommissjoni ta' reat.**

**Illi dan kollu juri li l-ligi ma tipprovdix harsien adegwat ghall-minuri (taht it-tmintax-il sena) hekk kif huma ma jibqghux minorenni (i.e. taht is-sittax-il sena) waqt li jkunu qeghdin jigu interrogati mill-Pulizija.**

**Illi l-agir tal-Pulizija gie rez aktar gravi peress illi, fir-rigward ta' l-allegati reati li qeghdin jigu addebitati lill-esponent, il-ligi in materja, jigifieri l-Kapitolu 101, timponi piena karcerarja obbligatorja.**

**Illi din is-sena gie promulgat Att tal-Parlament, li l-parti kbira minnu dahal fis-sehh fl-1 ta' Mejju 2002, li jipprovdi ghall-assistenza legali lil kull persuna interrogata mill-Pulizija.**

**Illi dan kollu jikkostitwixxi lezjoni ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.**

**Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti biex taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq u tizgura t-twettiq tad-drittijiet**

**imsemmija fil-precitati artikoli, fosthom (1) billi tiddikjara illi kien hemm vjolazzjoni tal-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem waqt l-interrogatorju ta' l-esponent Matthew Lanzon, (2) billi tiddikjara l-istqarrija tieghu inammissibbli u (3) billi jinghata kumpens xieraq ghal dawn il-lezjonijiet tad-drittijiet fondamentali.**

**<u>Il-fatti principali</u>**

L-appellant Matthew Lanzon mhux qed jikkontesta l-fatti kif irrizultaw lill-ewwel Qorti; dak li qed jikkontesta huwa pjuttost il-konsegwenzi legali li wiehed ghandu jigbed minn dawn l-istess fatti. Ghalhekk huwa opportun li f'dana l-istadju jigu riprodotti l-fatti kif irrizultaw lill-ewwel Qorti, u dan billi tigi riportata dik il-parti tas-sentenza appellata li tirrigwarda proprju l-fatti:

**Xehed** <u>Matthew Lanzon</u> **li semma li fl-24 ta' Novembru 2000 waqt li kien f'lesson il-Junior College, kienu gew ghalih l-Ispettur Josric Mifsud u zewg pulizija ohra. Qal li ghamlulu strip-search u hu mill-ewwel qalilhom li fil-basket kellu tliet bicciet tal-cannabis. Kienu haduh il-headquarters tad-Drug Squad fil-Marsa fejn staqsewh kemm fuq pussess kif ukoll fuq traffikar ta' droga. Fis-1.00 p.m. interrogawh u sarulu diversi mistoqsijiet liema interrogatorju dam xi siegha. Matul l-interrogatorju ma kien hemm hadd li kellu armi, anqas kien hemm xi tisbit, u anqas ghajjat ma kien hemm. Qal li hu kien imbezza pero` kien qed jirtoghod matul hafna mill-hin. L-Ispettur wissieh li dak li jghid jista' jingieb bhala prova kontrieh kif ukoll qallu li jekk jikkollabora mal-Pulizija ssemmiha fil-Qorti. Ma kienx cert li l-Ispettur qallu "jaqbillek titkellem" pero` kien zgur li diversi drabi qalulu li jekk jikkollabora jsemmiha l-Qorti.**

**Peress li kellu xi tickets ta' xi party li kien bi hsiebu jbiegh, kienu staqsewh jekk jiehux id-droga ecstasy u hu qalilhom li le. Domandi ohrajn ma staqsewhx. Qal**

**li waqt l-interrogatorju la hadd gheddu u anqas tah xi daqqiet. Dak il-hin deherlu li ahjar jitkellem. Semma li wara haduh biex issir search id-dar u hu ma kellu cans ikellem lil hadd u ghalhekk staqsa jekk hux ser javzaw lill-ommu u l-missieru. Meta waslu d-dar ma kien hemm hadd tant li kien hu li fethilhom. Din is-search damet xi nofs siegha. Qal li ma sar ebda accenn biex il-pulizija jinfurmaw lill-genituri tieghu li qeghdin ifittxu fid-dar. Qal li l-aktar li damu jfittxu kien fil-kamra tieghu. Meta dahlu fil-kamra wiehed mill-pulizija qallu "jidher li inti tmur il-parties, jiena gieli rajtek". Il-pulizija l-iehor qallu "jidher li inti tiehu l-ecstasy u jidher minn ghajnejk" u qabad u ghollielu ghajnejh b'subajgh, qallu "ghax ghandek l-ahmar". Fuq mistoqsija mill-Qorti Lanzon qal li dan il-pulizija jidhirlu li rah darb' ohra l-Qorti pero` kien liebes pajzan u ghalhekk ma setax jehodlu n-numru.**

**Semma li fil-kamra tieghu ma sabu xejn u wara komplew is-search fil-bqija tad-dar fejn ma nstab xejn. Fil-kamra tieghu s-search kienet pjuttost estensiva li bdew johorgu l-affarijiet kollha u jarawhom. Matul is-search diversi drabi qalulu li jekk ghandu xi haga jaqbillu jitkellem. Qal li barra l-incident ta' ghajnejh f'ebda hin ma messewh u heddewh. Semma li kellu certu biza' fuqu ghalkemm ma kellhomx armi. Qal li meta waslu l-Marsa sab lill-genituri hemmhekk mal-Ispettur. Semma li mhux mill-ewwel kien kellem lill-genituri tieghu izda baqa' diehel dritt ghand l-Ispettur izda wara dahlu l-genituri tieghu wkoll.**

**Ma ftakarx jekk kienx gie muri kopja u qrawlu l-Kapitolu 101 sezzjoni 29 fuq id-drogi. Hu jahseb le imma ma kienx cert. Waqt l-interrogazzjoni ftakar li l-Kapitolu 101 issemma imma ma ftakarx li ra dak il-file.**

**Xehed <u>Victor Lanzon</u> missier Matthew li semma li fid-data msemmija l-mara kienet cemplitlu u qaltlu li kienu cemplulha l-pulizija u ftehmu li mmorru fuq il-post. Xi ghaxar minuti wara li rcieva t-telefonata kienu qeghdin il-Marsa ghand il-pulizija. Meta dahlu jkellmu lill-Ispettur kienu hu, il-mara u l-Ispettur u kien hemm**

**pulizija u surgent iehor. L-Ispettur qalilhom x'kien instab fuq it-tifel fil-Junior College u prattikament kien hassu hazin.**

**Semma li hu jahdem bhala manager fuq strutturi tal-hadid u l-mara tieghu teacher. Qal li meta staqsa lill-Ispettur fejn hu t-tifel dan qallu li kien baghathom jaghmlu search. Meta qalilhom ghaliex l-anqas biss avzawh biex ikun prezenti l-ispettur accertah li l-pulizija li baghat kienu nies tal-affari taghhom u ghalhekk ix-xhud nehha ftit mill-inkwiet li kellu. Wara li l-Ispettur spjegalhom il-proceduri, wasal it-tifel id-Drug Squad u l-Ispettur qalilhom biex johorgu barra sakemm hu jkellem lit-tifel. Semma li meta staqsa lill-Ispettur jekk setghux jiehdu lit-tifel dan qallhom mhux ghal dak il-hin. L-ewwel ried joqghod ftit aktar maghhom u jirritornaw lura ghall-habta ta' xi 6.00. Fil-fatt fis-6.30 it-tifel intbaghat lura d-dar mieghu.**

**Xehed <u>l-Ispettur Josric Mifsud</u> li semma li fl-24 ta' Novembru 2000 kienu nfurmati li fil-Junior College Gian Frangisk Abela kien hemm guvni li kellu fil-pusses tieghu il-kannabis. Marru ghamlulu search bil-premess tal-Head of Department u fil-basket sabu li kellu tlett bicciet tal-Cannabis. Qal li kien il-guvni stess li tahom din il-kannabis. Wara kien gie arrestat u mehud id-Drug Squad ghal aktar investigazzjoni fejn kien irrilaxxa stqarrija li kien iffirma. Wara li kien gie moghti s-solita twissija, Matthew Lanzon kien stqarr illi darbtejn minnhom kien biegh bicctejn minn dik ir-resin ghall-prezz ta' zewg liri. Il-kannabis kienet fil-basket ta' l-iskola mat-tissues. Lanzon kien tahom xi informazzjoni fuq persuni minghand min kien xtara d-droga u minn fejn kien xtraha.**

**Semma li Lanzon kien daqsxejn imbezza minhabba li kienet l-ewwel darba li gie arrestat pero` ma jiftakarx li kien qed jirtoghod. Qal ukoll li Lanzon kien agitat u dan induna mill-komportament tieghu. F'xi hin Lanzon xtaq jitkellem ma' xi hadd tal-familja tieghu tant li tahom il-mobile numbers taghhom. F'dak l-istadju pero` ma kienx possibbli ghax Lanzon kien ghadu taht**

**arrest. Kif spiccaw l-investigazzjonijiet imbaghad gew il-genituri tieghu. L-ispettur qal li hu ma hassx il-htiega li Lanzon ikollu access ghall-genituri tieghu f'dak l-istadju ghax Lanzon huwa persuna adulta. Semma li ma ftakarx jekk f'xi hin Matthew bblenkja u maghhom l-ispettur rah li kien kalm il-hin kollu.**

**L-Ispettur ikkonferma d-dokumenti li gew esebiti li huma relattivi ghal charge sheet, conviction sheet, ix-xhieda tieghu, certifikat minn Drugs Community Services u x-xhieda ta' PC 123 Saviour Galea u risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija ghar-rikors tal-imputat tas-27 ta' Mejju 2002. Ikkonferma wkoll id-depozizzjoni li tidher mad-dokumenti li kien ta hu stess. Ftakar li fl-okkazjoni in kwistjoni kien ta search warrant biex titfittex ir-residenza tas-Sur Victor Lanzon pero` ma ftakarx min kienu l-persuni tal-Korp tal-Pulizija li kellhom imorru. Setghu kienu PC 246 Vincent Cesare u PC 255 Anthony Mangion pero` ma kienx cert.**

**Xehed <u>PC 123 Saviour Galea</u> li kkonferma li kien prezenti meta giet rilaxxata l-istqarrija minn Matthew Lanzon. Semma li Lanzon fil-hin ta' l-istqarrija kien kwiet, ma bekiex izda kien naqra eccitat. Waqt l-istqarrija kienu prezenti hu, l-Ispettur u Lanzon u ma deherlux li kien hemm xi hadd iehor. Lanzon kellu sittax-il sena u dak il-hin kien l-iskola. Semma li ma kellux cans ikellem lill-genituri tieghu.**

**<u>L-appell ta' Matthew Lanzon</u>**

Ghalkemm ir-rikors ta' appell huwa pjuttost twil u elaborat, u fih l-appellant jikkritika diversi aspetti ta', u siltiet minn, is-sentenza appellata, bazikament l-aggravju ta' l-appellant huwa wiehed u cioe` li bil-fatt tal-interrogatorju tieghu kif effettivament sar gie lez (jew *semble* x'aktarx ser jigi lez) id-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif garantit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u *pariter* bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Bran mir-rikors ta' appell li jigbor fih il-qofol ta' l-ilment ta' l-appellant huwa s-segwenti:

**Illi l-esponent jirritjeni li l-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tieghu ma kienitx gejja mill-arrest jew detenzjoni tieghu bhala minuri (Artikolu 5 tal-Konvenzjoni), izda mill-interrogatorju tieghu u mit-tehid ta' stqarrija minghandu bi pregudizzju ghall-"Article 6 rights" tieghu.**

Skond l-appellant dawn l-"Article 6 rights" tieghu gew pregudikati ossia miksura peress li hu gie interrogat mill-Pulizija minghajr ma kien hemm adult li jigi minnu prezenti jew minghjar ma kellu assistenza legali, kif ukoll minhabba "the intimidating atmosphere" li fiha huwa gie interrogat, atmosfera accentwata – dejjem skond l-istess appellant – mill-fatt li huwa kellu biss sittax-il sena. L-appellant jistrieh tista' tghid ghal kollox fuq il-"principji" enuncjati fis-sentenzi ***Averill v. UK*** u ***Magee v. UK***, u jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza ***Sargin v. Germany*** deciza mill-Qorti ta' Strasbourg u li taghha jaghti r-referenza bhala (1981) 4 EHRR 276.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

1. Jibda biex jinghad li galadarba l-proceduri penali kontra l-appellant Lanzon ghadhom pendenti – dawna waqfu proprju ghax huwa intavola r-rikors kostituzzjonali fis-27 ta' Gunju, 2002 – din il-Qorti difficilment tista' tifhem kif wiehed jista' jallega f'dana l-istadju ksur tad-dritt ta' "smigh xieraq" kif garantit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Huwa principju accettat kemm fil-gurisprudenza ta' Strasbourg[2] kif ukoll f'dik ta'

[2] *"In contrast with the other more precise guarantees in Article 6(1), this right to a 'fair hearing' has an open-ended, residual quality. It provides an opportunity both for adding other specific rights not listed in Article 6 that are considered essential to a 'fair hearing' and for deciding whether a 'fair hearing' has occurred on the particular facts of a given case when the proceedings are looked at as a whole. In criminal cases, it has to be read together with the specific guarantees in Articles 6(2) and (3). Whereas the latter are subsumed within the former, the general guarantee of a fair hearing in Article 6(1) has elements that supplement those specified in Articles 6(2) and (3)."* : Harris D.J., O'Boyle M. & Warbrick C., **Law of the European Convention on Human Rights** Butterworths (London), 1995, p. 202, sottolinear ta' din il-Qorti. Hekk ukoll, Alastair Mowbray, fil-ktieb tieghu **Cases and Materials on the European Convention on Human Rights** Butterworths (London), 2001 jghid hekk: *"When determining if there has been a breach of the right to a fair hearing the court makes an evaluation of the fairness of the entire domestic proceedings…This approach also enables the Court to consider whether defects*

din il-Qorti[3] li, biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm nuqqas ta' smigh xieraq wiehed irid jara u jezamina l-procedura gudizzjarja kollha kemm hi fit-totalita` taghha. Fi kliem iehor, fil-kaz in dizamina, meta huwa evidenti li l-ilment principali – jekk mhux addirittura l-uniku lment – tar-rikorrent appellant huwa dwar il-fatt li hu gie interrogat minghajr il-presenza ta' familjari tieghu jew avukat, u li meta huwa gie hekk interrogat huwa rrilaxxja stqarrija fejn ammetta li kien bejgh xi bicciet zghar tal-*cannabis* (liema ammissjoni tista' twassal biex huwa jehel piena ta' prigunerija) jekk, ghall-grazzja ta' l-argument (i) **jew** dik l-istqarrija w ammissjoni tigi, ghal xi raguni valida skond il-ligi, skartata mill-Qorti ta' Gustizzja Kriminali **jew** (ii) ikun hemm prova jew provi ohra ta' traffikar indipendenti minn dik l-istqarrija w ammissjoni, wiehed ma jkunx jista' jitkellem dwar "nuqqas ta' smigh xieraq" dovut ghall-fatt li dik l-istqarrija tkun ittiehdet, u l-ammissjoni tkun saret, meta huwa kien priv mill-assistenza ta' xi familjari jew ta' avukat. F'dan is-sens, ghalhekk, il-kawza kostituzzjonali hija wahda intempestiva. Dan il-punt ma jidhirx li gie indirizzat sew mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha tas-17 ta' Gunju, 2004. Flok ma dik il-Qorti ffokat fuq l-aspett tal-"proceduri mehuda fit-totalita` taghhom", kif messha ghamlet anke *ex officio*, hija dahlet biex tezamina l-kwistjoni fid-dawl tal-eccezzjonijiet sollevati mill-intimat (illum appellat) Kummissarju tal-Pulizija fir-risposta tieghu tat-28 ta' Gunju, 2002 (fol. 9). F'din ir-risposta l-intimat appellat kien eccepixxa (1) li l-azzjoni kienet irritwali billi l-kwistjoni ta' l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija kellha tigi indagata fl-ewwel lok mill-qorti kompetenti ta' gurisdizzjoni kriminali, u li (2) konsegwentement kien hemm rimedju ordinarju li ma kienx ghadu gie ezawrit. L-ewwel Qorti, wara li ghamlet referenza ghal zewg sentenzi[4] li, bid-dovut rigward lejn dik il-Qorti, ftit li xejn kellhom relevanza ghal,

---

*in first instance proceedings have been rectified by subsequent appellate hearings…"* p. 305.

[3] Ara, per ezempju, ***Dr. Lawrence Pullicino v. Onor. Prim Ministru u l-Avukat Generali tar-Repubblika*** Qorti Kostituzzjonali, 18/8/1998 : *"Din il-Qorti hi tal-fehma illi meta jsir l-ezercizzju msemmi, m'hemmx dubbju li l-procedura kollha fil-kumpless taghha, fil-konfront tar-rikorrent, fid-diversi qrati u fid-diversi stadji, kienet gusta…"* Kollezz. Vol. LXXXII.i.158, a pagna 225.

[4] ***Joseph Arena noe v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** Qorti Kostituzzjonali, 16/11/1998, u ***Joseph Briffa v. Kummissarju tal-Pulizija*** Prim Awla, 21/11/1994 (deciza finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14/6/95).

jew xebh ma’, il-vertenza odjerna, iddecidiet li ma kellhiex tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha kif provdut fil-*proviso* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 u d-disposizzjoni analoga tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni. Il-kwistjoni, pero`, ta’ l-intempestivita` ta’ l-azzjoni – minhabba li ma jkunx jista’ jigi determinat jekk il-proceduri mehuda fit-totalita` taghhom kienux lezivi tad-dritt ghal-“smigh xieraq” – hi differenti mill-kwistjoni ta’ jekk, f’kaz li kien hemm xi lezjoni, wiehed kellux “mezz xieraq ta’ rimedju” apparti minn dak kostituzzjonali jew taht il-Kap. 319. Anqas jista’ wiehed jargumenta li b’dak li kien sar waqt l-investigazzjoni fil-kaz in dizamina – u cioe` bl-interrogatorju ta’ l-appellant Lanzon minghajr il-prezenza ta’ familjari jew avukat – “x’aktarx li kien ser jigi miksur” id-dritt tieghu ghal “smigh xieraq”, u dan peress li bejn l-imsemmi interrogatorju sa l-ezitu finali (imqar jekk biss quddiem il-Qorti ta’ Gustizzja Kriminali ta’ l-ewwel grad) tant setghu javveraw ruhhom affarijiet li tigi nieqsa dik l-immedjatezza li hija l-bazi ta’ l-espressjoni “…jew ikun x’aktarx ser jigi miksur dwarha…” uzata fis-subartikoli (1) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 u fid-disposizzjoni analoga tal-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni.

2. Pero`, apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma tarax kif dak li gie deciz fil-kazijiet ***Averill*** [5], ***Magee*** [6] u ***Sargin*** [7] jista’ jkun applikabbli ghal kaz in dizamina[8]. Kif inhu risaput, Qorti – u l-Qorti ta’ Strasbourg mhix eccezzjoni – tiddeciedi skond il-fatti partikolari tal-kaz li jkollha quddiemha, u ghalkemm huwa legittimu li wiehed jipprova jislet minn kull kaz deciz “principju” ta’ “applikazzjoni generali”, wiehed dejjem ghandu jaghmel

[5] ***Averill v. The United Kingdom*** 6/9/2000.
[6] ***Magee v. The United Kingdom*** 6/9/2000
[7] Din il-Qorti ma setghetx issib kopja tas-sentenza citata, cioe` ***Sargin v. Germany***. Izda wara li d-Deputat Registratur taghha kkomunikat mad-difensur ta’ l-appellant, l-istess difensur qieghed a disposizzjoni tal-Qorti librett li minnu huwa kien ha r-referenza ta’ dan il-kaz, kif ukoll il-kwotazzjoni li hemm a fol. 11 u 12 tar-rikors ta’ appell tieghu – kwotazzjoni li, ghalkemm tidher bhal li kieku hija kwotazzjoni diretta mis-sentenza ***Sargin v. Germany*** hija fil-fatt kwotazzjoni mill-imsemmi librett, u allura tammonta ghal kumment ta’ l-awturi tal-librett. Il-librett jismu ***Fair Trial Training Manual: The European Convention on Human Rights in Ukraine***, u huwa kumpilat mill-Human Rights Law Centre ta’ l-Universita` ta’ Nottingham flimkien mal-Qorti Suprema ta’ l-Ukrajina. Il-librett m’ghandux awtur specifiku jew awturi specifici.
[8] Ma’ dawn il-kawzi, din il-Qorti zzid issemmi wkoll ***Murray v. The United Kingdom*** 28/10/1994.

hekk b'kawtela, u principalment billi jzomm f'mohhu l-fattispeci partikolari tal-kaz li jkunu taw lok ghall-pronunzjament tal-qorti li tkun. Kif osservat il-Qorti Ewropea fil-kaz ***Magee***:

**"As in the above-mentioned John Murray case, the Court will confine itself to the particular facts of the instant case…The manner in which Article 6 (1) and (3)(c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In its John Murray judgement the Court also observed that, although Article 6 will normally require that the accused be allowed to benefit from the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation, this right, which is not explicitly set out in the Convention, may be subject to restriction for good cause. The question, in each case, is whether the restriction, in the light of the entirety of the proceedings, has deprived the accused of a fair hearing"** [9] (sottolinear ta' din il-Qorti).

3. Ma hemmx dubbju li skond il-gurisprudenza ta' Strasbourg persuna tista' tkun intitolata ghal assistenza legali anke fi stadju qabel ma jigi deciz li hija titressaq akkuzata b'reat quddiem qorti jekk ikun hemm cirkostanzi partikolari li jiddettaw li, fl-assenza ta' tali assistenza, id-dritt taghha ghal "smigh xieraq" ikun gie menomat. Hu veru, kif tajjeb osserva l-abbili difensur ta' l-appellant Lanzon, li wiehed irid ihares lejn dak li, fil-kaz ***Magee***, gie indikat bhala "procedural fairness"[10] – pero` jekk il-procedura fil-kaz partikolari tkunx wahda "fair" o meno jiddependi mhux minn xi principju generali jew astratt, izda mic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz.

4. Fil-kaz ***Murray*** il-Qorti ta' Strasbourg kienet sabet (u dan dejjem wara li Murray kien gie processat u instab hati) li kien hemm ksur tal-Artikolu 6(1) abbinat ma' l-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni meta l-applikant John Murray, wara li kien gie arrestat fl-Irlanda ta' Fuq, kien gie interrogat

[9] Paras. 38 u 41.
[10] ***Magee v. The United Kingdom*** para. 43.

f'ghaxar okkazjonijiet separati fi zmien 48 siegha minghajr ma thalla jikkonsulta ma' avukat. F'dak il-kaz Murray kien gie infurmat li huwa kellu d-dritt li ma jitkellimx, pero` li f'kaz li huwa ma jitkellimx u ma jaghtix certi spjegazzjonijiet (hekk kif imfisser fl-Artikolu 3 tal-"Criminal Evidence (Northern Ireland) Order 1988"), fil-proceduri gudizzjarji setghu jitnisslu "adverse inferences" mis-silenzju tieghu. Ghalkemm skond il-ligi applikabbli (Criminal Evidence (Norther Ireland) Order, 1988) persuna ma setghetx tinstab hatja biss "on the basis of adverse inferences from silence"[11], fil-guri tieghu tali "adverse inferences" kienu ingibdu, u dawn ghenu biex huwa jinstab hati. Il-Qorti ta' Strasbourg kompliet hekk:

**"The Court is of the opinion that the scheme contained in the Order** [it-twissija dwar l-"adverse inferences"] **is such that it is of paramount importance for the rights of the defence that an accused has access to a lawyer at the initial stages of police interrogation. It observes in this context that, under the Order, at the beginning of police interrogation an accused is confronted with a fundamental dilemma relating to his defence. If he chooses to remain silent, adverse inferences may be drawn against him in accordance with the provisions of the Order. On the other hand, if the accused opts to break his silence during the course of interrogation, he runs the risk of prejudicing his defence without necessarily removing the possibility of inferences being drawn against him. Under such conditions the concept of fairness enshrined in Article 6 requires that the accused has the benefit of the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation. To deny access to a lawyer for the first 48 hours of police questioning, in a situation where the rights of the defence may well be irretrievably prejudiced, is – whatever the justification for such denial – incompatible with the rights of the accused under Article 6…"**[12] (sottolinear ta' din il-Qorti).

[11] Mowbray A., *op. cit.* p. 293.
[12] Para. 66.

5. Fil-kaz ***Murray***, ghalhekk, id-“dannu irreparabbli” ravvizat mill-Qorti kien dovut mhux ghax l-interrogat, volontarjament, jaghzel li jwiegeb ghad-domandi tal-Pulizija u jinkrimina ruhu f’cirkostanzi meta huwa seta ma jitkellimx u ma jghid xejn, izda proprju ghax huwa kien f’sitwazzjoni fejn, jekk jezercita d-dritt tieghu li ma jitkellimx seta jinkrimina ruhu permezz tal-“adverse inferences”, u biex jevita dawk l-“adverse inferences” kien jehtieglu jitkellem bil-possibilita` li jinkrimina ruhu xort’ohra!

6. Il-kaz ***Averill*** kien, tista’ tghid identiku ghall-kaz ***Murray*** f’dak li jirrigwarda l-ksur ta’ l-Artikolu 6(1) abbinat ma’ l-Artikolu 6(3)(c). Averill, izda, gie interrogat ghal perjodu anqas minn Murray [13], u l-access ghall-avukat tieghu gie lilu michud fl-ewwel 24 siegha tal-“police questioning”. Anke fil-kaz ta’ Averill, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, il-kwistjoni kienet tippernja fuq l-“adverse inferences”: ara l-paragrafu 60 ta’ dik is-sentenza (ikkwotat ukoll in parti fis-sentenza appellata).

7. L-appellant jikkontendi, pero`, li l-kaz ***Magee*** ma giex deciz in bazi ghall-kwistjoni tal-“adverse inferences”, u li s-sitwazzjoni f’dan il-kaz kienet tali li l-konkluzjoni raggunta mill-Qorti ta’ Strasbourg kienet allura applikabbli ghall-kaz in dizamina. Din il-Qorti taghmilha cara li taqbel ma’ l-appellant li jidher li l-ewwel Qorti deherilha – erroneament – li l-kaz ***Magee*** kien gie deciz a bazi tal-“adverse inferences”. Infatti jirrizulta car mill-paragrafu 39 tas-sentenza ***Magee*** li l-kaz <u>ma kienx gie deciz</u> in bazi tar-regola tal-“adverse inferences”:

**“Unlike Mr Murray, the applicant did opt to break his silence. <u>No adverse inferences were drawn from his silence prior to that decision</u> and the Court cannot speculate as to whether the applicant would have**

[13] *“At the same time, however, it is noted that the applicant’s interrogation <u>began and continued for a period of twenty four hours</u> without his solicitor being present…This must be considered a relavant factor to be weighed in the balance when assessing the fairness of the trial judge’s decision to draw an adverse inference under Article 3 of the 1988 Order. Equally so, is the fact that the applicant was able to consult with his solicitor on a daily basis after the end of the first 24 hours period and up to the moment of charge.”* – para. 48 (sottolinear tal-Qorti).

**maintained his silence if he had been permitted to consult his solicitor at any stage prior to the 6th interview at which he began to confess."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

8. Fil-kaz ***Magee*** il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li kien hemm ksur tal-Artikolu 6(1) abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) minhabba l-mod oppressiv li bih gie kondott l-interrogatorju estensiv ta' Magee, u f'ambjent intimidatorju:

**"The Court notes that the applicant made a specific request to see a solicitor on arrival at Castlereagh Police Station. However, the decision was taken to delay his access to a solicitor and he was questioned from 10.55 a.m. on 16 December 1988 to 12.45 p.m. on 18 December 1988 – more than forty-eight hours – without access to legal advice. He began to confess to his involvement in the conspiracy to bonb army personnel at 9.30 a.m. on 17 December 1988. He signed a confession statement at his seventh interview which began at 1 p.m. on 17 December 1988. The applicant was eventually able to consult his solicitor at 1 p.m. on 18 December 1988.**

**"The Court observes that prior to his confession the applicant had been interviewed on five occasions for extended periods punctuated by breaks. He was examined by a doctor on two occasions including immediately before the critical interview at which he began to confess. Apart from his contact with the doctor, the applicant was kept incomunicado during the breaks between bouts of questioning conducted by experienced police officers operating in relays. It sees no reason to doubt the truth of the applicant's submission that he was kept in virtual solitary confinement throughout this period. The Court has examined the findings and recommendations of the European Committee for the Prevention of Torture and Inhuman or Degrading Treatment and Punishment ("CPT") in respect of the Castlereagh Holding Centre…It notes that the criticism which the**

**CPT levelled against the Centre has been reflected in other public documents…The austerity of the conditions of his detention and his exclusion from outside contact were intended to be psychologically coercive and conductive to breaking down any resolve he may have manifested at the beginning of his detention to remain silent. Having regard to these considerations, the court is of the opinion that the applicant, as a matter of procedural fairness, should have been given access to a solicitor at the initial stages of the interrogation as a counterwight to the intimidating atmosphere <u>specifically devised to sap his will and make him confide in his interrogators</u>. Irrespective of the fact that the domestic court drew no adverse inferences under Article 3 of the 1988 Order, it cannot be denied that the Article 3 caution administered to the applicant was an element which heightened his vulnerability <u>to the relentless rounds of interrogation on the first days of his detention</u>…**

**"It is true that the domestic court found on the facts that the applicant had not been ill-treated and that the confession which was obtained from the applicant had been voluntary. The Court does not dispute this finding. At the same time, it has to be noted that the applicant was deprived of legal assistance for over forty-eight hours and the incriminating statements which he made at the end of the first twenty-four hours of his detention became the central platform of the prosecution's case against him and the basis for his conviction."** [14] (sottolinear ta' din il-Qorti).

9. Dawn, mela, kienu l-fatti fil-kaz ***Magee***. Dawn il-fatti huma *toto coelo* differenti mill-fatti tal-kaz in dizamina. Fil-kaz *de quo*, minkejja l-isforzi kollha ta' l-appellant (jew, biex wiehed ikun aktar preciz, tad-difensur tieghu) biex jipprova jpingi l-interrogatorju tieghu bhala li sar taht kundizzjonijiet intimidatorji jew f'atmosfera intimidanti, <u>ma jirrizulta xejn minn dan</u>. Din il-Qorti ma tiddubitax li zghazugh ta' sittax-il sena li jinqabad bid-droga f'idu ikun

[14] Paragrafi 42, 43 u 45.

xi ftit jew wisq imbezza', kemm ghax ikun inqabad *in flagrante* kif ukoll mill-fatt li jigi interrogat mill-Pulizija. Pero` din il-Qorti f'dan il-kaz ma tara li kien hemm xejn intenzjonatament intimidanti fl-agir tal-Pulizija li mqar remotament jista' b'xi mod jibda biex jigi paragunat mal-fatti fil-kazijiet li fuqhom l-imsemmi appellant qed jistrieh. Fil-kaz in dizamina kien hemm arrest u interrogatorju b'mod ghal kollox regolari – ghall-anqas fuq il-fatti kif jirrizultaw lil din il-Qorti – arrest li dam ftit sieghat, u li fihom l-appellant seta', kieku ried, zamm is-silenzu tieghu biex ma jinkriminax ruhu.

10. B'referenza specifika ghall-kwistjoni ta' l-eta` ta' l-appellant, din il-Qorti hi tal-fehma li persuna li tkun ghalqet is-sittax-il sena – u ghalhekk ma hix kunsidrata aktar mil-ligi bhala *"a child or young person"* [15] -- ma tistax tippretendi li tigi trattata b'xi mod "specjali" in konnessjoni ma' arrest u investigazzjoni ta' reati, salv, naturalment, xi cirkostanzi eccezzjonali bhal, per ezempju, jekk jirrizulta li l-persuna in kwistjoni ikollha xi problemi psikoligici partikolari (cirkostanzi li jistghu jezigu trattament differenti da parti tal-Pulizija ghal dak li hu arrest u interrogazzjoni anke fil-kaz ta' persuni li jkunu ghalqu l-eta` ta' tmintax-il sena).

11. Kwantu ghall-kaz ***Sargin*** imsemmi mill-appellant (ara para. 2 *supra*), jirrizulta mil-librett li qieghed ghad-disposizzjoni tal-Qorti l-abbili difensur ta' l-appellant (ara *nota in calce* nru. 7) li dan il-kaz kien jirrigwarda l-interrogatorju ta' tifla ta' ghaxar snin (fatt, dan, li l-appellant ghazel li jaqbez ghal kollox fil-kwotazzjoni tieghu fir-rikors ta' appell); u dan il-kaz jissemma' f'dan il-librett mhux in konnessjoni ma' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, izda in konnessjoni ma' l-Artikolu 5 – li mhux qed jigi allegat xi ksur tieghu fil-kaz in dizamina – artikolu li, bhall-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, jirrikjedi li persuna arrestata tigi infurmata minnufih f'lingwa li tifhem bir-raguni ghall-arrest u n-natura ta' l-akkuza jew imputazzjoni kontra taghha; u ghalhekk, kif gustament hemm fl-imsemmi librett, wiehed irid jiehu kont ta' l-eta` tal-persuna arrestata u, jekk ikun

[15] Ara l-Artikolu 2 tal-Att dwar Tfal u Zaghzagh (Ordinijiet ghall-Harsien), Kap. 285.

hemm bzonn il-presenza ta' xi "appropriate adult" biex jispjega r-raguni tal-arrest u n-natura ta' l-akkuza, tali "appropriate adult" ghandu jingieb. Pero` dan kollu ma ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz in dizamina mhux biss ghax mhux qed jigi allegat xi ksur ta' l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni jew 34 tal-Kostituzzjoni, izda wkoll ghax jirrizulta car mill-provi li l-appellant kien jaf dwar x'hiex kien qed jigi arrestat u interrogat.

Ghall-motivi premessi, u ghalhekk mhux necessarjament ghar-ragunijiet migjuba mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata. L-ispejjez ta' dana l-appell ghandhom jithallsu kollha mill-appellant. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur Qrati u Tribunali Kriminali sabiex l-istess sentenza tingieb minnu a konjizzjoni tal-Qorti li qed tisma' l-kawza penali kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------